MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' April, 2003

**WALDONET LIMITED**

**vs**

**David THAKE**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-9 ta' Lulju, 2001, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi fit-30 ta' Marzu tas-sena 1999 is-soċjeta' akkwistat mingħand is-soċjeta Davmar Limited, li tagħha l-konvenut huwa l-azzjonist prinċipali kif ukoll direttur, business concern konsistenti fil-provvista ta' servizz ta' Internet, Intranet u servizzi relatati u anċillari, u dana bis-saħħa ta' skrittura privata li silta minnha tinsab hawn esebita bħala Dok. "A";

Illi permezz tal-artikolu 15.9 u l-artikli 19.1, 19.2 19.5 ta' dan il-ftehim, is-soċjeta' Davmar Limited u l-konvenut David Thake obbligw ruħhom li ma jikkompetu fl-ebda mod, u dana kemm direttament jew indirettament, mas-soċjeta' attriċi, u dana għal perijodu ta' tlett snin mid-data tal-iffirmar tal-ftehim;

Illi permezz tal-artikolu 20 tal-istess ftehim huma ġew marbuta wkoll b'obbligazzjoni ta' kunfidenzjalita' stretta dwar ir-negozju, konteġġi, finanzi teknologija etċ, tas-soċjeta' attriċi. It-termini precizi ta' dawn il-limitazzjonijiet ta' non-competition u confidentitality huma dettaljati fl-artikoli fuq ċitati li jinsabu ezibiti fid-dokument hawn anness bħala "Dok. "A";

Illi f'dawn l-aħħar ġimghat irriżulta lis-soċjeta' attriċi, u dana anke ex admissis mill-konvenut David Thake, li huwa kien daħal fl-impieg ta' waħda mill-kumpaniji formanti parti mill-AM Mangion Group of Companies. Fost il-kumpaniji formanti mill-AM Mangion Group of Companies hemm il-Keyworld Limited li topera fl-istess qasam u tipprovdi ezattament l-istess servizzi bħas-soċjeta' attriċi, li wara kollox huma ukoll l-istess servizzi li ġew akkwistati mingħand is-soċjeta' Davmar Limited. Is-socjeta' Keyword Limited hija waħda mill-kompetituri ewliena tas-soċjeta' attriċi, u dana f'kamp kummerċjali fejn il-kompetizzjoni hija ħarxa għall-aħħar, bil-konsegwenza li l-iċken vantagg jaf isarraf ferm. Is-soċjeta' attriċi immedjatament oggezzjoniat għall-impieg tal-konvenut iżda huwa inizalment aċċertaha li kien ser josserva pjenament l-obbligazzjonijiet kuntrattwali fuq imsemmija;

Illi madankollu rriżulta li l-konvenut David Thake huwa direttament jew indirettament involut fl-operat ta’ n-negozju ta’ l-Keyworld Limited, anke fil-kwalita’ ta’ konsulent, għalkemm huwa ma huwiex impjegat direttament magħha;

Illi fl-għalqa li topera fiha s-soċjeta’ attriċi t-*trade secrets*, *marketing strategies*, u *know-how* teknologiku huma ta’ importanza essenzjali u fundamentali, u kien proprju għalhekk li meta seħħ in-negozju bejn il-kontendenti fit-30

ta’ Marzu 1999 il-limitazzjonijiet ta’ *non-competition* sal-1 ta’ Ġunju tas-sena 2002 u l-limitazzjoni ta’ kunfidenzjalita’ ġew inkluzi fil-ftehim iffirmat minnhom;

Illi dawn il-protezzjonijiet kienu meħtiega prinċipalment sabiex is-soċjeta’ attriċi tuzufruwixxi u tibbenifika fl-aħjar mod mill-*business conern* akkwistat mingħand Davmar Limited, u li tiegħu l-istess Davmar Limited kienet ġiet imħallsa kunsiderazzjoni altru milli adegwata;

Illi bħala parti integrali tal-istess negozju fuq imsemmi, bejn l-1 ta’ Ġunju 1999 u t-30 t’April 2001 il-konvenut David Thake ġie impjegat mas-soċjeta’ attriċi bħala l-*General Manager* tagħha, u għalhekk huwa jaf eżattament u sal-anqas dettall l-elementi essenzjali kollha tan-negozju tagħha;

Illi n-negozju tas-soċjeta’ attriċi jinsab mhedded serjament b’dana l-aġir sleali u abbuziv tal-intimati, u huwa għalhekk meħtieg li huwa jiġi mrazzan formalment milli jagħmel dan;

Illi fil-fatt is-soċjeta’ esponenti otteniet il-ħrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni numerat 1898/01 li permezz tiegħu din l-Onorabbli Qorti inibiet lill-konvenut David Thake milli joffri s-servizz tiegħu, jew ikun b’xi mod involut, kemm direttament kif ukoll indirettament u f’kwalunkwe kapaċita’, fis-soċjeta’ Keyworld Limited jew kwalunkwe soċjeta’ oħra involuta fl-istess ġeneru ta’ negozju tas-soċjeta’ attriċi;

Għalhekk is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex, prevja dikjarazzjoni jekk meħtieg li l-konvenut David Thake huwa marbut bl-obbligazzjonijiet ta’ *non-competition* u kunfidenzjalita’ kif fuq spjegat, tinibih f’mod definittiv sal-1 ta’ Ġunju tas-sena 2002 milli joffri s-servizzi tiegħu, jew ikun b’xi mod involut, kemm diretttament kif ukoll indirettament u dana fi kwalunkwe kapaċita’, fis-soċjeta’ Keyworld Limited jew kwalunkwe soċjeta’ oħra involuta fl-istess ġeneru ta’ negozju tas-soċjeta’ attriċi;

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numerat 1898/01, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat illi l-imħarrek, notifikat kif imiss fil-5 t'Ottubru, 2001[1] b'kopja tal-Att taċ-Ċitazzjoni u bl-Avviż tas-Smigħ, naqas li jressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u b'hekk baqa' kontumaċi;

Rat ir-Rikors imressaq fit-18 ta' Diċembru, 2001[2], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-imħarrek talab li l-Qorti tħallih jikkontesta l-kawża;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija attriċi fit-8 ta' Jannar, 2002[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija opponiet għat-talba tal-imħarrek;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar it-talba tal-imħarrek;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tad-19 ta' Frar, 2002, tat-2 ta' Mejju, 2002, tas-27 ta' Settembru, 2002, tat-12 ta' Diċembru, 2002, u tas-16 ta' Jannar, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għall-provvediment dwar it-talba tal-imħarrek li jitħalla jikkontesta l-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba biex iżżomm lill-imħarrek milli jikser ir-rabtiet tiegħu li ma jikxifx tagħrif li bih jikkompeti mal-kumpannija attriċi. Kemm il-kumpannija attriċi u kif ukoll l-imħarrek iwettqu ħidma u attivita' kummerċjali fil-

[1] Riferti f'paġġ. 12 *tergo* u 14 tal-proċess
[2] Paġġ. 16-7 tal-proċess
[3] Paġġ. 20-1 tal-proċess

qasam ta’ servizzi ta’ *internet* u servizzi oħrajn li jixxiebhu. Il-kumpannija attriċi tgħid li l-imħarrek impjega ruħu ma’ kumpannija li hija kompetitur dirett ewlieni tagħha, u billi l-imħarrek kien *General Manager* tal-kumpannija attriċi sa April tal-2001, l-impieg ġdid tiegħu u l-għoti minnu ta’ konsulenza lil kumpannija oħra kompetitriċi tabilfors joħolqu preġudizzju lill-kumpannija attriċi. L-imħarrek kien ġie inibit mill-Qorti fuq talba tal-kumpannija attriċi;

Illi l-kwestjoni quddiem din il-Qorti hija dik li tirrigwarda l-kontumaċja tal-imħarrek u mhux is-siwi tan-notifika lilum tal-atti tal-kawża. Fl-ebda waqt ma ssemma li n-notifika ma kinitx sewwa, l-atti tal-kawża nfushom ma jagħtu l-ebda ħjiel li sata’ tassew kien hemm xi ħaġa irregolari fin-notifika tal-atti tal-kawża li saret lill-imħarrek, u fir-Rikors tiegħu hu ma jallega l-ebda nuqqas f’dan ir-rigward. Għalhekk, din il-Qorti sejra tillimita ruħha għall-konsiderazzjoni tal-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja mitluba mill-imħarrek;

Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta’ drabi, il-kontumaċja m’għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni ta’ l-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni[4], u l-bdil li sar fil-liġi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-ohra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena - dik li ma jkunx jista’ jindaħal fit-tressiq ta’ provi - bħala element ta’ disordni soċjali[5];

Illi fuq ix-xaqliba l-oħra, u minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja ġġib magħha, il-Qrati tagħna ddeċidew li r-rigorosita’ tal-proċedura għandha tiġi applikata u mfissra b’mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna

[4] Ara App. Ċiv. : **6.11.1959** fil-kawża fl-ismijiet Ġ***erada vs . Attard*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.545**)
[5] Ara App. Kumm.: **21.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.170**)

mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies ġustifikata[6];

Illi jrid jingħad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumaċja ta' persuna mħarrka hija ġustifikata u tħalli lil dik il-parti tressaq id-difiża tagħha, ma tkunx b'daqshekk biss titqies li qegħda tikkastiga lill-attur, imma biss treġġa' f'postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-aħjar istruzzjoni tal-ġudizzju. Wara kollox, kull min jiftaħ kawża kontra parti oħra (għalkemm forsi jittama għall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-oħra, malli tirċievi l-atti taċ-Ċitazzjoni sejra tressaq il-kontestazzjoni tagħha;

Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża[7]; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha irid ikun dik li bnadi oħra ssejħet bħala *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika, u eċċezzjonalment biss, waħda morali[8];

Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja ta' tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa żminijiet riċenti u ddistingwew bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-ieħor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawża u li ma laħaqx għamel dan għal raġuni li ma kienx jaħti għaliha[9];

---

[6] Ara P.A. **4.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Ellul*** (Kollez.Vol: **LXXV.ii.729**)
[7] Ara App. Inf.: **3.5.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca vs Mifsud*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.738**) u App. Inf. : **29.11.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.811**) u l-kawżi hemm imsemmija
[8] Ara, per eżempju, App. Ċiv.: **12.12.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi***; u P.A. GV : **27.2.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Naudi Montaldo noe vs Xuereb*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iii.1214**)
[9] P.A.: **9.12.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Beacom vs Spiteri Staines*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.195**)

Illi, minbarra dan u bil-ħsieb li tingħaraf aħjar il-kontumaċja li tisfida lill-awtorita' tal-Qorti minn dik imġarrba minn ċirkostanzi validi, xi deċiżjonijiet ta' dawn l-aħħar żminijiet seħqu li biex tissussisti l-kontumaċja tal-ewwel għamla din trid tkun kemm fl-atti tal-kawża u kif ukoll fl-udjenza[10], imfissra din fis-sens sħiħ tal-kelma[11];

Illi dwar x'iwassal lil kontumaċja biex titqies bħala waħda kolpuża, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza tagħha tas-**7 ta' Marzu, 1994**, fil-kawża fl-ismijiet Joseph Delceppo vs Onorevoli Raymond Bondin *et*[12], fejn ingħad li "il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-liġi, jonqos li jagħmel l-arranġamenti neċessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri reġistrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arranġamenti imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jirċievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jiġu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ";

Illi peress li f'biċċa mir-rikors tal-imħarrek tissemma n-nuqqas ta' ko-ordinazzjoni bejn l-istess imħarrek u l-avukat tiegħu, tidħol fis-seħħ konsiderazzjoni oħra, jiġifieri dik li tirrigwarda l-kontumaċja maħluqa minħabba l-imġiba jew l-operat ta' terza persuna. F'dan ir-rigward, il-Qrati tagħna għarfu bejn dawk il-każijiet fejn l-imġiba ta' avukat imqabbad tempestivament mill-parti mħarrka wasslet biex din taqa' kontumaċi[13] (f'liema każ il-Qorti normalment tippermetti li l-imħarrek jitħalla jikkontesta l-kawża) minn dawk fejn il-parti mħarrka ma tersaqx għand avukat f'waqt xieraq, jew tibqa' tittrattjeni sal-aħħar, jew tonqos li tikkomunika kif imiss ma' avukat b'impenn serju li ma

[10] App. Ċiv. **28.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Azzopardi*** (Kollez. Vol: **LXXIV.ii.337**)
[11] App. Ċiv. **14.1.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech vs Żammit*** (Kollez. Vol: **LXXVII.i.170**)
[12] Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.28**
[13] Ara, per eżempju, P.A.RCP **16.3.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Christopher Muscat vs Raymond Buġeja noe***

tħallix iż-żmien għat-tressiq ta' Nota tal-Eċċezzjonijiet jgħaddi għal xejn[14];

Illi minbarra dan, il-prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali tal-*audi alteram partem* jitfa' responsabbilta' mhux żgħira fuq il-ġudikant li jgħarbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi waħda mill-partijiet li tiġi miżmuma milli tressaq il-każ tagħha quddiem it-tribunal li jkun;

Illi, fid-dawl tal-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru, il-Qorti jirriżultalha li: (a) kien l-imħarrek li laqa' personalment l-atti tal-kawża li kienu indirizzati lilu; (b) li fl-ewwel smigħ, għall-imħarrek deher avukat imqabbad minnu, imma ma deherx l-imħarrek innifsu; (ċ) li bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrek diġa' kien hemm proċeduri quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) dwar il-kwestjoni li tifforma l-mertu tal-kawża tal-lum; (d) li l-imħarrek huwa parti f'kawżi oħrajn pendenti quddiem il-Qrati; u (e) li r-raġuni miġjuba 'l quddiem biex turi ilgħaliex ma ressaqx nota tal-eċezzjonijiet fiż-żmien kienet nuqqas ta' fehma jew malintiż bejnu u l-avukat tiegħu;

Illi, l-Qorti ħasbet fit-tul dwar dawn il-fatti msemmija u ssib li fil-każ li għandha quddiemha l-imħarrek ma seħħlux juri li hemm raġuni tajba biżżejjed biex it-talba tiegħu tintlaqa' u jitħalla jressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Illi kienet tkun ħaġa ħafifa għal din il-Qorti li tieħu l-linja tal-anqas reżistenza u tagħti lill-imħarrek il-jedd li jressaq il-kontestazzjoni tiegħu, imma l-Qorti tħoss li, kieku għamlet hekk, kienet tkun qegħda tippremja lil min wera traskuraġni fit-tmexxija ta' ħwejġu u ġġib fix-xejn il-kriterji ta' premura li dawn il-Qrati ħaddnu biex jagħrfu kontumaċja ġustifikabbli minn waħda kolpuża, kif intwera iżjed 'il fuq f'din is-sentenza;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi dwar it-talba tal-imħarrek biex jitħalla jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu billi:

---

[14] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **4.5.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech et noe vs Merċieca Ċianċio*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.143**)

**Tiċħad it-talba tal-imħarrek**, billi dan ma weriex raġuni tajba biżżejjed biex jiġġustifika l-kontumċja tiegħu, u dan mingħajr ħsara għall-jeddijiet tiegħu taħt l-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, aktar 'il quddiem matul is-smigħ tal-kawża, jekk ikun il-każ; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------